# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 24**

**Rikors numru 842/2014/2 JZM**

**Samchrome FZE soċjetà estera rreġistrata fl-Emirati Arab Uniti (UAE) u b`digriet tas-17 ta` Novembru 2014 l-isem tas-soċjetà attrici ġie jaqra "Dr Kenneth Grima bħala mandatarju speċjali ta` Samchrome FZE soċjetà estera rreġistrata fl-Emirati Arab Uniti (UAE)"**

**v.**

1. **Danko Koncar f'ismu proprju;**
2. **Dr. Renald Micallef bħala stralċjarju tas-soċjetà KDK Limited qabel Samchrome Limited (C35840), u għan-nom tal-istess soċjetà KDK Limited;**
3. **Dr. Renald Micallef f'ismu proprju;**
4. **Donatella Bondin, f'isimha proprju, u bħala stralċjarja anteċedenti ta'**

**KDK Limited, għall-perjodu ta' bejn il-ħatra tagħha bħala tali u s-sussegwenti riżenja**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell ewlieni tal-kumpanija attriċi 'Samchrome FZE' u appell inċidentali tal-imħarrkin, minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2018, (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra dik il-Qorti: (i) ċaħdet l-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet preliminari; (ii) laqgħet it-tielet eċċezzjoni preliminari; (iii) laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu; u (iv) filwaqt li ċaħdet it-talbiet kollha tal-kumpanija attriċi, ordnat lil kull parti sabiex tbati l-ispejjeż tagħha u dan għajr għal dawk marbuta mad-deċiżjoni tat-30 ta' April, 2015 li kellhom jitħallsu mill-imħarrek Dottor Renald Micallef personalment;

2. Fil-qosor, il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn li ġejjin;

3. B'rikors maħluf tal-25 ta' Settembru, 2014, il-kumpanija attriċi 'Samchrome FZE' (minn issa 'l hemm imsejħa bħala **'Samchrome'**) fissret li hija għandha tieħu mingħand il-kumpanija mħarrka KDK Limited (minn issa 'l hemm imsejħa bħala '**KDK'**) is-somma ta' €3,791,000 li tirrappreżenta l-valur ta' '*credit note'*, flimkien mal-imgħaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv, u dan kif imfisser aħjar fir-rikors maħluf tal-kawża bin-numru 55/2014. Tispjega li wara li ressqet il-kawża bin-numru 55/2014, hija ntebħet li KDK kienet qed tiġi volontarjament stralċjata wara reżoluzzjoni tal-membri ta' dik il-kumpanija, u dan sewwasew wara li hija talbitha b'mod formali sabiex tħallasha l-ammont mitlub minnha fil-*'credit note'* maħruġa minn KDK stess. Tilmenta li l-imħarrek Danko Koncar, bħala l-uniku direttur u l-persuna li prattikament għandu l-ishma kollha ta' dik il-kumpanija, għamel dikjarazzjoni falza bl-intenzjoni li jiddewfrada u jxejjen *"id-drittijiet tagħha li jirriżultaw"* mill-*'credit note'* mertu tal-kawża bin-numru 55/2014, u dan meta fil-formula B(2) stqarr li: *"in accordance with section 268 of the Companies Act, 1995 [...] I have made a full inquiry into the affairs of the said company and have formed the opinion that the said company will be able to pay its debts in full within twelve months from the date of dissolution which shall take place on the 31st December of the year 2013. A statement of the company`s assets and liabilities made up to the 31st December 2013 is being attached as part of this declaration.".* Fuq ix-xilja li dan l-aġir ta' Koncar mhux biss kien kriminuż iżda wkoll twettaq bi ksur tal-Artikoli 315 u 316 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, Samchrome saħqet li Koncar ma setax jibqa' jinħeba wara l-mantell ġuridiku ta' KDK u għalhekk kellu jinżamm responsabbli f'ismu personali u solidalment flimkien ma' KDK għall-ħlas tal-ammont mitlub fil-kawża bin-numru 55/2014;

4. B'żieda ma' dak li għadu kif qed jingħad, fir-rikors promotur tagħha, Samchrome argumentat ukoll li l-istralċjarji mħarrkin minnha, "*li ffirmaw jew ikkontrofirmaw"* id-dikjarazzjoni ta' solvenza magħmula minn Koncar, u li kienu jew għadhom jaġixxu bħala stralċjarji ta' KDK, kellhom u għad għandhom l-obbligu legali li jiżguraw "*l-awtenticità*" ta' dik l-istqarrija u li minn tal-inqas jassiguraw li jħarsu l-"*krediti magħrufa*" ta' KDK. Peress li skont Samchrome dawn tal-aħħar m'għamlux hekk, Samchrome targumenta li Donatella Bondin bħala stralċjarja antecedenti ta' KDK, u Dr. Renald Micallef bħala l-istralċjarju attwali tal-istess KDK, kisru l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-Artikoli 265 *et. seq*. tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li b'hekk, skont l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi għandhom jinżammu responsabbli b'mod personali u solidalment flimkien mal-bqija tal-imħarrkin u dan *"sew għal kollox jew in parte, għad-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti konsistenti fl-ammont imsemmi fil-credit note flimkien mal-imgħax".* Filwaqt li tgħid li dawn l-atti jew nuqqasijiet li ġew imwettqa mill-intimati kollha, jew min minnhom, jammontaw għal kummerċ bi frodi u/jew kummerċ ħażin skont l-Artikoli 315 u 316 tal-Kap. 386, għalqet billi tgħid li l-istralċjarju attwali, u sewwasew Dr. Renald Micallef, baqa' ma sejjaħx laqgħa tal-kredituri ta' KDK bi ksur tal-Artikolu 272 tal-Kap. 386, li fi kliem Samchrome jobbliga lill-istralċjarju sabiex, "*minnufih*" isejjaħ it-tali laqgħa jekk huwa jkun tal-fehma li l-kumpanija mhux ser tkun f'qagħda li tħallas lill-kredituri tagħha fiż-żmien imsemmi fid-dikjarazzjoni ta' solvenza. Skont Samchrome għal din ir-raġuni tal-aħħar, Dr. Renald

Micallef għandu wkoll jitneħħa mill-kariga ta' stralċjarju u jiġi maħtur stralċjarju ieħor minfloku;

5. Fid-dawl ta' dak li għadu kif qed jingħad, Samchrome talbet lill-Qorti sabiex:

> "(i) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Danko Koncar huwa personalment responsabbli flimkien u in solidum mal-intimati l-oħra, jew min minnhom, għall-ħlas tal-ammont imsemmi fil-credit note, kif fuq imsemmi f`punt numru 1 ta` dan ir-rikors, flimkien mal-imgħax legali relattiv fuq dak l-ammont mit-8 ta` Jannar tas-sena 2010 sad-data tal-pagament effettiv, u dan billi tiddikjara wkoll illi minħabba l-aġir abbużiv, illegali u saħansitra kriminuż tiegħu meta għamel dikjarazzjoni ta` solvenza falza ma' Awtorità Pubblika, u ċioè l-MFSA, meta ddeċieda li jillikwida s-soċjetà KDK Limited volontarjament, iddikjara li kien tal-fehma li l-kumpanija kienet tista' tħallas id-djun tagħha kollha sal-31 ta` Diċembru, 2013 meta kien ben konsapevoli tal-eżistenza tal-ammont indikat fil-credit note u kien ilu hekk jaf żmien twil, huwa sar ħati ta` wrongful trading u fraudulent trading u b'hekk kiser diversi provvedimenti tal-Malta Companies Act, u liema aġir ġiegħel li s-soċjetà KDK ma tkunx tista' aktar tinħeba wara l-limitation of liability tagħha".* (sic)
>
> *(ii) Konsegwentement tordna l-lifting of the corporate veil tas-socjetà KDK Limited u tordna wkoll illi s-somma ndikata flimkien mal-imghaxijiet relattivi sad-data tal-pagament effettiv għandha titħallas mill-intimat personalment u/jew flimkien u in solidum mal-intimati l-oħra kif din il-Qorti jidhrilha."*
>
> *(iii) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati, Dr. Renald Micallef, bħala stralċarju presenti tas-soċjeta` KDK Limited, u Donatella Bondin, bħala stralcarja ta` qablu, naqsu jew min minnhom, milli jeżercitaw id-dmirijiet tagħhom naxxenti mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta` Malta u/jew abbużaw mill-poteri fdati lilhom billi kkommettew atti u/jew ommissjonijiet in vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-istess Kapitolu tal- Ligijiet ta` Malta, senjatament pero mhux biss tal-Artikoli 272 u 312 tal-istess Kap. 386."*
>
> *(iv) Konsegwentement, tordna t-tneħħija immedjata tal-preżenti stralċarju tas-soċjetà KDK Limited, Dr. Renald Micallef, u taħtar stralċarju ieħor minfloku, li jiġi propost*

*mis-soċjetà rikorrenti u kkonfermat minn din il-Qorti, jew kwalunkwe stralċarju ieħor, skond kif dil-Qorti jidhirlHa xieraq u opportun."*

(v) *Konsegwentement ukoll, tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati, Donatella Bondin u/jew Dr. Renald Micallef, huma personalment responsabbli flimkien u in solidum mal-intimati l-oħra, billi kkommettaw atti jew naqsu minn dmirijiethom in vjolazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta` Malta u, senjatament, in vjolazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin supra u konsegwentement responsabbli għall-ħlas tal-ammont dovut imsemmi supra u għad-danni kollha sofferti mis-soċjetà rikorrenti bħala konsegwenza tal-atti u/jew ommissjonijiet kommessi minnhom."*

(vi) *Tillikwida dawn id-danni, occorrendo, permezz ta` periti nominandi."*

(vii) *Konsegwentement tordna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex personalment u/jew in solidum bejniethom u f`dik il-porzjoni li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li huma responsabbli għall-istess danni, jekk ikun il-każ, iħallsu lis-soċjetà rikorrenti in linea ta` danni dak l-ammont li jiġi hekk illikwidat, bħala konsegwenza tal-egħmilhom kif spjegat iżjed il-fuq."*

(viii) *Finalment, u fl-eventwalità illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba jew talbiet hawn fuq dedotti; tirreferi dan il-kaz u/jew id-deċiżjoni tal-istess lill-awtoritajiet kompetenti biex l-intimati, jew min minnhom, jiġu debitament investigati ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta` Malta."*

*Bl-ispejjeż, kemm ġudizzjarji kif ukoll extra-ġudizzjarji, inklużi wkoll dawk subiti mis-soċjetà rikorrenti għas-servizzi professjonali mogħtija minn konsulenti legali barranin qabel ma ġew istitwiti dawn il-proċeduri, dawk tal- Mandat ta` Sekwestru u Mandat ta` Qbid Numri 112/2014 u 111/2014 rispettivament, bl-imgħaxijiet legali mit-8 ta` Jannar tas-sena 2010 sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont dovut u msemmi fil-credit note, u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni. B'reserva wkoll għall-kull azzjoni oħra spettanti lis-soċietà rikorrenti kontra l-intimati kollha jew minn minnhom, anke azzjoni kriminali."*

6. B'risposta maħlufa mressqa fit-18 ta' Frar, 2015,[1] Danko Koncar u Donatella Bondin laqgħu għall-azzjoni ta' Samchrome billi ressqu sensiela ta' eċċezzjonijiet u dan kemm ta' sura preliminari kif ukoll fil-mertu. Dawn l-eċċezzjonijiet li lkoll tressqu bla ħsara għal xulxin, jistgħu jinġabru f'dan li ġej:

(i) li l-avukat Dr. Kenneth Grima kellu jressaq prova li fid-data tal-preżentata tar-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża, huwa kien igawdi mir-rappreżentanza ġuridika ta' Samchrome, u li fin-nuqqas ta' hekk ir-rikors maħluf kellu jitqies li ma jiswiex;

(ii) li r-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża ma jiswiex għaliex tressqu fih kumulu ta' azzjonijiet bi ħsara għad-difiża tagħhom u tal-konvenuti l-oħra fil-kawża;

(iii) li s-sitt u seba' talbiet ta' Samchrome ma jistgħux jintlaqgħu għaliex id-danni pretiżi f'dawk it-talbiet ma jistgħux jiġu likwidati fil-kors ta' azzjoni dwar kummerċ bi frodi li hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u minflok it-tali danni jistgħu jiġu likwidati biss f'azzjoni speċifika msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili;

(iv) li l-azzjoni ta' Samchrome, sa fejn hija dwar tmexxija ta' kummerċ bi frodi skont il-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta,

---
[1] F'paġna 105 sa 108 tal-proċess.

saret qabel waqtha, u dan peress li t-tali azzjoni setgħet issir biss wara li l-kumpanija KDK Limited tkun ġiet dikjarata xolta u insolventi mill-Qorti u dan permezz ta' azzjoni separata, li sad-data li fiha ġiet imressqa t-tweġiba maħlufa kien għadha ma saritx;

(v) li l-azzjoni ta' Samchrome saret ukoll qabel waqtha għaliex ġiet imressqa f'ċirkostanzi li fihom l-eżitu tal-kawża fl-ismijiet ***'Samchrome FZE v. KDK Limited',*** (Rik. 55/2014), kien għadu mhux magħruf, u b'hekk f'dak l-istadju Samchrome ma kinitx tikkwalifika bħala "kreditriċi" ta' KDK għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

(vi) li l-imħarrkin Donatella Bondin u Renald Micallef, kemm f'isimhom proprju, kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija KDK, ma jistgħu qatt jitqiesu bħala l-leġittimi kontradditturi għat-talbiet ta' Samchrome u dan billi fil-mument li Bondin inħatret bħala stralċjarja ta' KDK fis-16 ta' Jannar 2014, hija sabet *'statement of affairs'* li kien juri kapital ta' elfejn Dollaru Amerikan, flimkien ma' telf ta' elfejn Dollaru Amerikan, u b'hekk hija ma kellha l-ebda attiv ta' KDK x'tamministra. L-istess sitwazzjoni baqgħet fit-3 ta' Frar 2014 mar-riżenja ta' Bondin u l-ħatra ta' Renald Micallef fl-istess kariga. F'dan is-sens, jargumentaw li kemm Bondin kif ukoll

Micallef ma jistgħux jinżammu responsabbli għal xi danni, u wisq anqas għall-ammonti mitluba minn Samchrome;

(vii) li l-Qorti m'hijiex mogħnija bil-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan safejn għandhom x'jaqsmu l-imħarrkin Danko Koncar u KDK. F'dan is-sens ifissru li kull ftehim li hemm bejn Samchrome, Koncar u KDK, fosthom il-'*Business Sale Agreement'* tal-20 ta' Lulju 2009, jistipulaw li kull kwistjoni li setgħet tqum bejn il-partijiet kellha tiġi regolata bil-liġi Ingliża u għandha tiġi maqtugħa permezz ta' arbitraġġ ġewwa Londra;

(viii) li fil-mertu, id-deċiżjoni ta' Koncar li jxolji lil KDK b'effett mis-16 ta' Jannar 2014, ma tista' qatt titqies li kienet b'xi mod jew ieħor frawdolenti u dan għaliex skont il-'*Business Sale Agreement'* tal-20 ta' Lulju, 2009, KDK ma kellhiex tibqa' responsabbli għal kull xorta ta' pretensjoni ta' Samchrome, u dan wara li jgħaddu sentejn mill-iffirmar ta' dak il-ftehim, u jekk kemm il-darba Samchrome ma' tkunx tatha avviż ta' dik il-pretensjoni waqt dawk is-sentejn;

(ix) li mhuwiex minnu li l-konvenuti aġixxew b'mod abbużiv, illegali u saħansitra kriminuż jew inkella kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan billi bħala fatt Samchrome mhijiex kreditriċi ta' KDK;

(x) li t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet ta' Samchrome huma infondati għal kollox billi sad-data li fiha ġiet imressqa din il-kawża, l-imħarrek Dr. Renald Micallef, kien ilu fil-kariga ta' stralċjarju għal ftit aktar minn seba' xhur, filwaqt li Donatella Bondin okkupat il-kariga ta' stralċjarja għal tlett ġimgħat biss. Jingħad ukoll li dawn it-tnejn m'aġixxewx kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk ma jistgħu qatt jinżammu personalment responsabbli għall-ħlas ta' kull ammont pretiż minn Samchrome li għad irid jiġi likwidat;

(xi) li kien jaqa' fuq spallejn Samchrome li tressaq prova ċara u skont il-liġi tad-danni allegati minnha, u dan skont l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(xii) li s-seba' talba hija infondata għal kollox billi l-imħarrkin kollha mhumiex responsabbli għal kull danni allegati minn Samchrome;

(xiii) li t-tmin talba hija wkoll infondata u li kien imiss lil Samchrome li tressaq prova ċara u skont il-liġi tal-allegazzjonijiet fiergħa u vessatorji li għamlet fil-konfront tagħhom;

(xiv) li f'kull każ, it-talbiet kollha ta' Samchrome huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, u dan minn kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

7. Dr. Renald Micallef f'ismu personali kif ukoll f'isem KDK ma ressaq l-ebda risposta maħlufa, u minkejja li ressaq talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja,[2] din ġiet miċħuda b'deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-30 ta' April 2015.[3] Għandu wkoll jingħad li għalkemm kien tressaq appell minn dik id-deċiżjoni, b'sentenza mogħtija fil-11 ta' Marzu 2016, din il-Qorti kif diversament ippreseduta ddikjarat dak l-appell bħala null, għaliex ma ġiex imressaq fit-terminu mitlub fil-liġi;

8. B'sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2018, l-Ewwel Qorti qatgħet din il-kawża billi għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, filwaqt li ċaħdet l-ewwel, it-tieni, ir-raba', l-ħames, is-sitt, u s-seba' eċċezzjonijiet preliminari, laqgħet it-tielet eċċezzjoni preliminari kif ukoll l-eċċezzjonijiet kollha fil-mertu u ċaħdet it-talbiet kollha ta' Samchrome, b'dan illi kull parti kellha tbati l-ispejjeż tagħha skont l-Artikolu 223(3) tal-Kap. 12, bl-eċċezzjoni għall-ispejjeż marbuta mad-deċiżjoni tat-30 ta' April 2015, li għadha kif saret referenza għaliha fil-paragrafu ta' qabel dan;

---

2 F'paġni 40 sa 43 tal-proċess.
3 F'paġni 168 sa 183 tal-proċess.

9. Billi Samchrome ħassitha aggravata bil-fatt li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tagħha, kif ukoll bil-mod ta' kif dik il-Qorti ordnat li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, nhar l-20 ta' Ġunju 2018, din ressqet rikors tal-appell,[4] li għar-raġunijiet hemmhekk imfissra qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex: *"takkolji dan l-appell u filwaqt li tikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ... ċaħdet l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4), il-ħames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) eċċezzjonijiet preliminari tħassar, tannulla u tirrevoka l-bqija tas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha fil-mertu u fejn ċaħdet it-talbiet attriċi u fejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 223(3) tal-Kap 12 ordnat li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha, ... u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad ukoll it-tielet (3) eċċezzjoni preliminari, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha fil-mertu, tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż, kemm dawk ta' quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad u ta' dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti, a karigu tal-konvenuti, issa appellati"*;

10. Bi tweġiba mressqa fl-10 ta' Lulju, 2018,[5] il-kumpanija KDK, filwaqt li laqgħet għall-appell ta' Samchrome billi warrbet l-aggravji kollha hemm imqajma, fl-istess waqt inqdiet b'dak l-appell biex ressqet ukoll appell inċidentali li għar-raġunijiet hemmhekk imfissra qed titlob lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell inċidentali u konsegwentement tirriforma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet hawn fuq premessi tal-31*

[4] F'paġni 574 sa 605 tal-proċess.
[5] F'paġni 608 sa 632 tal-proċess.

*ta' Mejju 2018 billi tħassar u tirrevoka dik il-parti tal-istess sentenza li permezz tagħha ġew miċħuda l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari kif dedotti, flimkien ma' dik il-parti tal-istess sentenza li permezz tagħha ġie ordnat, bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha u, minflok, tgħaddi sabiex tilqa' l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari kif dedotti, u tikkundanna lill-appellanti tħallas l-ispejjeż kollha tas-sentenza appellata, u tikkonferma l-kumplament tal-istess sentenza appellata fil-bqija, u dan bl-ispejjeż kollha ta' din l-istanza kontra l-istess appellanti"*;

11. Min-naħa tagħha, Samchrome laqgħet għall-appell inċidentali ta' KDK billi għar-raġunijiet imfissra fir-risposta mressqa minnha fis-6 ta' Awwissu, 2018,[6] din talbet lill-Qorti sabiex tiċħad l-aggravji tal-konvenuti filwaqt li tilqa' l-appell ewlieni tagħha, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti;

12. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet lill-avukati tal-partijiet, rat l-atti kollha ta' din il-kawża, kif ukoll tal-kawżi bin-numru 55/2014JZM u 501/2015 JZM,[7] hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

---

[6] F'paġni 641 sa 646 tal-proċess.

[7] Fil-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru, 2016, (f'paġna 551 tal-proċess ta' din il-kawża) l-Ewwel Qorti laqgħet t-talba tal-avukati tal-partijiet li l-provi kollha li nstemgħu fil-kawżi bin-numru 55/2014JZM u 501/2015JZM ikunu jikkostitwixxu prova anke għall-għanijiet ta' din il-kawża.

*Ikkonsidrat*

13. Samchrome qiegħda tikkritika s-sentenza appellata fuq is-saħħa ta' erba' aggravji li fi kliemha stess huma dwar:

(i) li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li hija ma setgħetx tressaq talba għad-danni taħt id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta kienet qed tikkonsidra t-tielet eċċezzjoni preliminari;

(ii) li m'hemm xejn fil-liġi li jgħid li l-azzjoni għal kummerċ ħażin taħt l-Artikolu 316 għandha ta' bilfors tinbeda mill-istralċjarju nnifsu, u dan b'referenza għall-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar il-ħames eċċezzjoni preliminari;

(iii) li fil-mertu t-talbiet tagħha kien jixirqilhom li jiġu milqugħa; u

(iv) li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn il-konvenuti m'għandhomx jiġu kkundannati li jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża;

14. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti qegħdin iressqu tliet aggravji mis-sentenza appellata, u li huma dwar:

(i) li l-Ewwel Qorti żbaljat meta fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata ċaħdet għal kollox il-ħames eċċezzjoni preliminari tagħha, u dan meta fil-konsiderazzjonijiet ta' dik is-sentenza, dik il-Qorti għamlitha ċara li kienet qed tilqa' l-ħames eċċezzjoni sa fejn l-azzjoni ta' Samchrome hija msejsa fuq l-

Artikolu 316 tal-Kapitolu 386 tal-liġijiet ta' Malta. B'żieda ma' dan, il-konvenuti qegħdin ukoll jilmentaw minn dawk il-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata li fihom l-Ewwel Qorti qalet illi l-ħames eċċezzjoni preliminari ma kinitx mistħoqqa u dan sa fejn l-azzjoni ta' Samchrome hija msejsa fuq kummerċ bi frodi, u sewwasew fuq l-Artikolu 315 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata ċaħdet għal kollox is-sitt eċċezzjoni preliminari tagħha, u dan minkejja li fil-konsiderazzjonijiet li saru b'rabta ma' dik l-eċċezzjoni, qieset li skont l-Artikolu 315 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni għal kummerċ bi frodi ma setgħetx tiġi mressqa kontra Dr. Renald Micallef għan-nom ta' KDK, filwaqt li fil-każ ta' kummerċ ħażin taħt l-Artikolu 316 tal-istess Kap. 386, l-azzjoni setgħet titressaq biss kontra Danko Koncar u mhux ukoll kontra l-bqija tal-imħarrkin; u

(iii) li ma kienet teżisti l-ebda raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti kellha tikkundannahom sabiex iħallsu l-ispejjeż tagħhom tal-kawża u dan skont l-Artikolu 223(3) tal- Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

15. Issa li huwa magħruf dwar xiex jitrattaw l-aggravji tal-partijiet, il-Qorti jidhrilha li tista' tibda billi tistħarreġ l-aggravji li tressqu fl-appell ewlieni u dan fl-istess sekwenza li tqajmu fir-rikors tal-appell, biex wara tistħarreġ l-bqija tal-aggravji li tqajmu fl-appell inċidentali;

16. Fl-**<u>ewwel aggravju tal-appell ewlieni</u>** Samchrome qiegħda tfisser li hija ma taqbilx mar-raġunament tal-Ewwel Qorti li ġaladarba li l-liġi tipprovdi rimedji speċjali taħt il-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, mela allura, m'għandhomx japplikaw ir-rimedji ġenerali tal-*culpa aquiliana* taħt il-Kap. 16. Filwaqt li tistqarr li taqbel mal-prinċipju li *'lex specialis derogat lex generalis',* madanakollu tgħid li ma hemm xejn fil-liġi li jwaqqaf l-aġir ta' rappreżentant ta' kumpanija sabiex jinżamm responsabbli għall-ħlas ta' danni taħt il-*culpa aquiliana.* Wara li tirreferi għall-bosta każijiet tal-Qrati Ingliżi, tissottometti li fejn hemm element ta' frodi, direttur li jkun wettaq '*fraudulent misrepresentations'* ma jistax jistkenn wara r-responsabbiltà limitata li toffri l-kumpanija, u b'hekk, peress li fi kliemha Koncar ħeba l-eżistenza tal-kreditu pretiż minnha anke mill-awditur tiegħu stess, ma kien hemm xejn li seta' jżomm lill-Ewwel Qorti milli ssib lil Koncar responsabbli anke għad-danni. Ittenni li minkejja li huwa l-liġi speċjali, 'l-Att dwar il-Kumpaniji', ma jeskludix li l-aġir negliġenti jew frawdolenti ta' direttur jew likwidatur, iwassal għar-responsabbiltà għad-danni, u fid-dawl

ta' dan kollu tinsisti li ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari;

17. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq. Minn titwila lejn il-premessi u t-talbiet li tniżżlu fir-rikors maħluf ta' Samchrome,[8] jidher ċar biżżejjed li x-xiljiet kollha fil-konfront tal-konvenuti huma dwar materji li huma regolati fil-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk din il-Qorti ma tistax tlum lill-Ewwel Qorti meta qieset li l-azzjoni hekk kif imressqa minn Samchrome *"hija fis-sostanza msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 386".*[9] Pereżempju, il-pretensjoni għad-danni fil-konfront tal-istralċjarji Donatella Bondin u Dr. Renald Micallef ġiet msejsa fuq il-premessa li dawn *"naqsu...milli jeżerċitaw* ***id-dmirijiet tagħhom naxxenti mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta` Malta*** *u/jew abbużaw mill-poteri fdati lilhom billi kkommettew atti u/jew ommissjonijiet* ***in vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-istess Kapitolu tal-Ligijiet ta` Malta****, senjatament però mhux biss tal-Artikoli 272 u 312 tal-istess Kap. 386."*[10] Hekk ukoll, il-pretensjoni għad-danni kontra l-konvenut Koncar, hija msejsa fuq il-premessa li dan għamel dikjarazzjoni ta' solvenza 'falza' bi ksur tal-artikolu 262 tal-Kap. 386 u li peress li kien ilu żmien twil jaf bil-pretensjoni tagħha, huwa kien ukoll ħati ta' kummerċ ħażin u kummerċ bi

[8] F'paġni 1 sa 5 tal-proċess.
[9] Ara l-aħħar paragrafu f'paġna 34 tas-sentenza appellata.
[10] Estratt meħud mit-tielet talba ta' Samchrome li fuqha hija msejsa il-ħames talba konsegwenzjali ta' Samchrome dwar ir-responsabiltà ta' Donatella Bondin u Dr. Renald Micallef għad-danni kollha allegatament imġarrbin minnha, f'paġna 4 tal-proċess. L-enfażi ġiet miżjuda minn din il-Qorti.

frodi *“**u b’hekk kiser diversi provvedimenti tal-Malta Companies Act**”*;[11]

18. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, ġaladarba li l-azzjoni ta’ Samchrome hija dwar materji li huma regolati bil-Kap. 386, l-Ewwel Qorti kellha tassew raġun li tilqa’ t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti fuq il-premessa li: *“[m]eta istitut huwa regolat b’liġi speċjali m’għandhiex issir referenza għall-prinċipji ġenerali tad-dritt għal dak l-istitut.”.*[12] Minbarra li dan ir-raġunament tal-Ewwel Qorti jsib kenn fil-bosta sentenzi li ġew imsemmija fis-sentenza appellata, ta’ min jgħid li l-istess raġunament ġie mħaddan ukoll minn din il-Qorti fis-sentenza riċenti fil-kawża fl-ismijiet ta’ ***‘Mark a/k as Markus Micallef v. John Borg u Christopher Pace’*** deċiża fil-31 ta’ Mejju, 2023, u li b’referenza għall-argumenti li jixbhu lil dawk li qed jiġu mqajma minn Samchrome, din il-Qorti għamlitha ċara li:

> *“Safejn l-appellant qiegħed jippretendi li għandu l-jedd li jitlob mingħand il-konvenuti appellati, ‘d-danni likwidati’ fl-ammonti msemmija fir-rikors promotur, u dan taħt il-prinċipji ġenerali tar-responsabbiltà ċivili li kull wieħed għandu jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, din il-Qorti taqbel għal kollox mal-Ewwel Qorti li f’każijiet ta’ din ix-xorta, ir-rimedji speċjali u speċifiċi li jinsabu fl-Att Dwar il-Kumpaniji għandhom jipprevalu fuq ir-rimedji l-oħrajn li jinstiltu mill-prinċipji ġenerali tad-dritt ċivili. Huwa tabilħaqq magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li l-liġi tal-kumpaniji hija liġi speċjali li tirregola kemm il-kumpaniji kif ukoll lill-uffiċjali tagħha “u meta istitut hu regolat b’liġi speċjali, mhux leċitu li ssir referenza għal xi prinċipju ġenerali tad-dritt”[13]. Ġie wkoll imtenni kemm-il darba li: “hu minnu li, b’mod ġenerali, min jabbuża bid-drittijiet mogħtija lilu jista’ jkun passabbli*

[11] Estratt meħud mill-ewwel talba li tniżżlet minn Samchrome fir-rikors maħluf, f’paġna 4 tal-proċess.
[12] Ara paġna 29 tas-sentenza appellata.
[13] Estratt meħud mis-sentenza fl-ismijiet ta’ ***Alf. Mizzi & Sons (Marketing Limited v. Unifoods Limited et.*** deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-**27 ta’ Ġunju, 2006**, (Ċit. Nru. 715/2004TM) (mhux appellata). Ara wkoll f’kuntest ieħor iżda dwar l-istess prinċipji, id-digriet tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili tat-**30 ta’ Diċembru, 2019,** fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet ta’ ***Din l-Art Ħelwa et. v. Schembri Concrete Blocks Limited et.*** (Mandat Nru. 1681/19GM).

> *għad-danni, iżda meta istitut hu regolat b'liġi speċjali, hi biss dik il-liġi li għandha tiġi kkunsidrata għal fini ta' responsabilità tal-partijiet u tar-rimedji mogħtija – specialia generalibus derogant"*[14]

19. Dak li ntqal minn din il-Qorti fis-silta hawn fuq stampata jiswa daqstant ieħor għall-każ tal-lum, u fuq is-saħħa ta' hekk l-ewwel aggravju tal-appell ewlieni qiegħed jiġi **miċħud**;

20. Fit-**tieni aggravju** tal-appell ewlieni, Samchrome qiegħda mbagħad tilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti qieset li l-azzjoni għal kummerċ ħażin taħt l-Artikolu 316 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titnieda biss mill-istralċjarju, u b'hekk l-azzjoni tagħha sa fejn kellha x'taqsam max-xilja ta' kummerċ ħażin ma setgħetx tirnexxi. Filwaqt li tirreferi għal paragrafu 2 tal-Artikolu 316, Samchrome targumenta li r-rikors tal-istralċjarju huwa meħtieġ biss "*sabiex jiġi dikjarat li direttur għandu jkun responsabbli biex jagħmel il-pagament*" imsemmi f'dak l-artikolu. F'dan is-sens, tissottometti li ma hemm xejn xi jżomm lil terzi, inkluż kredituri potenzjali, milli jitolbu lill-Qorti sabiex issib li persuna li kienet direttur tal-kumpanija qabel ix-xoljiment, kienet taf, jew kellha tkun taf, li ma kienx hemm prospett xieraq li dik il-kumpanija setgħet tevita x-xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha. Skont Samchrome kreditur pretiż għandu għalhekk kull dritt li jitlob tali

[14] Ara wkoll: '***Valle Del Miele Limited v. Wallace Fino et.'***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-**12 ta' Ottubru, 2007**, (Ċit. Nru. 1903/2001/1TM) (mhux appellata), u '***G. Molton Company Limited v. Dr. Raymond Borġ et.'***, deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-**21 ta' Marzu, 2011** (Avviż Nru. 9/2009GV,) (mhux appellata).

dikjarazzjoni, li mbagħad tkun tista' tintuża mill-istralċjarju sabiex id-direttur jiġi mitlub li jagħmel il-pagament imsemmi fl-Artikolu 316(2) tal-Kap. 386. Tisħaq li l-liġi għandha tiġi imfissra b'mod li tagħti aktar u mhux anqas jeddijiet lill-kredituri, u f'dan ir-rigward tissottometti li ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur li jċaħħad lill-kredituri milli jitolbu dikjarazzjoni ta' kummerċ ħażin taħt l-Artikolu 316 tal-Kap. 386, u li minflok jħalli lill-kredituri fid-diskrezzjoni u l-kontroll assolut tal-istralċjarju. Fid-dawl ta' dan, Samchrome tikkonkludi li ma kien hemm għalhekk l-ebda raġuni għalfejn il-ħames eċċezzjoni kellha tintlaqa' b'referenza għall-Artikolu 316 tal-Kap. 386;

21. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa fieragħ. Wieħed mill-prinċipji l-aktar bażiċi tal-interpretazzjoni tal-liġi huwa li *'ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit',* u għaldaqstant, daqskemm il-leġislatur għażel li jispeċifika li *"kreditur"* għandu l-jedd li jressaq rikors għar-responsabbiltà personali ta' uffiċjal ta' kumpanija għal 'kummerċ bi frodi' taħt l-Artikolu 315(1) tal-Kap. 386, daqstant ieħor fl-Artikolu 316(2) tal-istess Kap. 386, il-leġislatur seta' jagħżel li jispeċifika li l-azzjoni għal 'kummerċ ħażin' tista' tinbeda wkoll minn kull *"kreditur"* tal-kumpanija. Ġaladarba li l-leġislatur ma qalx li l-azzjoni għal 'kummerċ ħażin' tista' tinbeda wkoll minn *"kreditur",* bħalma wara kollox għamel fl-azzjoni għal 'kummerċ bi frodi',

mela allura l-azzjoni għal 'kummerċ ħażin' ma tistax tinbeda minn kreditur, iżda biss mill-istralċjarju kif imniżżel fl-Artikolu 316(2);[15]

22. Huwa wkoll relevanti li jingħad li l-pożizzjoni li ttieħdet mill-Ewwel Qorti mhijiex xi waħda ġdida, u minbarra li ttieħdet f'kawżi oħrajn,[16] issib ukoll kenn fil-ġurisprudenza tal-Qrati Ingliżi li meta ġew biex jinterpretaw l-Artikolu 214 tal-*'Insolvency Act, 1986',* li fuqu huwa msejjes l-Artikolu 316 tal-Kap. 386,[17] tennew li huwa l-istralċjarju biss li jista' jressaq kawża għal kummerċ ħażin. (ara b'eżempju ***Re M.C. Bacon Ltd. (No.2) [1990] B.C.L.C. 607***);[18]

23. It-tieni aggravju tal-appell ewlieni mhuwiex għalhekk mistħoqq u qiegħed jiġi **<u>miċħud</u>**;

24. Fit-**<u>tielet aggravju tal-appell ewlieni</u>** Samchrome qiegħda mbagħad tressaq bosta argumenti sabiex tfisser kif u għalfejn l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talbiet tagħha fil-mertu. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan l-

---

[15] Ara wkoll: Italo R. Ellul, *'The Protection Afforded to Creditors and Shareholders Upon the Dissolution and Winding Up of a Private Limited Company",* (1999), paġ. 105 u 113.

[16] Ara b'eżempju ***Brian Tonna noe v. Luciano Rotondi et.*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru, 2016. (Rik. 1082/2013)

[17] Ara ***Catherine Buhagiar et v. Claudio Caruana et.*** deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2023, (App. 335/2017/1), §28. Ara wkoll Prof. Andrew Muscat, *'Principles of Maltese Company Law',* Malta University Press, (2019), f'paġna 392 tal-ewwel volum.

[18] F'dan il-każ, ġie osservat li *"the same reasoning applies with even greater force to a claim brought under s.214 of the 1986 Act, which can be brought only by a liquidator not an administrator and in absence of an insolvent liquidation cannot be brought at all".* (f'paġna 613). Ara wkoll: Andrew Keay, *'Company Directors Liability and Creditor Protection',* Routlege, (2023), §§ 9.2 sa 9.5.

istadju, ir-raġunijiet kollha li ġew mogħtija minn Samchrome ma jistgħu però jwassluha mkien u dan għaliex ġaladarba li din l-azzjoni ġiet imfassla fuq il-premessa li hija kreditiċi ta' KDK bil-mod ta' kif ġie mfisser fil-kawża bin-numru 55/2014JZM, u llum stess din il-Qorti għadha kif qatgħet dik il-kawża b'mod definittiv u dan billi sabet li l-pretensjonijiet ta' Samchrome f'dik il-kawża ma kinux siewja, mela allura, din l-azzjoni ta' Samchrome hija tassew infondata skont kif ġie mniżżel fid-disa' u l-erbatax-il eċċezzjoni tal-konvenuti Bondin u Koncar;

25. La KDK m'għandha x'tagħti xejn lil Samchrome, ma hemm l-ebda somma ta' flus li l-bqija tal-konvenuti jistgħu jinżammu responsabbli għaliha b'mod solidali flimkien ma' KDK, u għaldaqstant, kull talba ta' Samchrome f'dan is-sens ma tistax tirnexxi. Minn dan isegwi wkoll li, kull att jew deċiżjoni marbuta mal-istralċ ta' KDK, sew dawk b'rabta mad-dikjarazzjoni ta' solvenza li ġiet magħmula minn Koncar, kif ukoll dawk meħuda jew imwettqa minn Donatella Bondin kif ukoll Dr. Renald Micallef bħala stralċjarji ta' KDK, ma seta' kellhom l-ebda effetti fuq Samchrome, u Samchrome ma setgħet qatt għalhekk fattwalment ġarrbet id-dannu msemmi minnha, li fi kliemha stess huwa *"konsistenti fl-ammont imsemmi fil-credit note flimkien mal-imgħax relattivi (sic) fuq dak l-ammont mid-data ta' meta dan sar dovut sa-datata tal-pagament effettiv*";[19]

[19] Estratt meħud mit-tmin premessa tar-rikors maħluf. Ara wkoll is-sitt premessa tar-rikors maħluf li fih jingħad li Danko Koncar għandu jiżamm responsabbli f'ismu proprju u b'mod solidali flimkien ma' KDK u dan *"għall ħlas tal-ammont imsemmi iżjed 'il fuq".*

26. Filwaqt li dak kollu li għadu kif qed jingħad huwa biżżejjed sabiex din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, u dan sa fejn ġew miċħuda t-talbiet kollha ta' Samchrome, jixraq ukoll li jiġi osservat, li la issa ġie deċiż b'mod definittiv li Samchrome mhijiex kreditriċi ta' KDK, f'dan l-istadju, Samchrome lanqas m'għadha aktar f'qagħda li tixli lill-konvenuti b'kummerċ bi frodi taħt l-Artikolu 315 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jew inkella li tirrikorri għar-rimedju taħt l-Artikolu 312 tal-istess Kap. 386, bħala 'kreditur potenzjali', u dan sewwasew għaliex lanqas m'għadha tikkwalifika bħala tali. Kemm l-azzjoni għal kummerċ bi frodi taħt l-Artikolu 315 kif ukoll l-azzjoni għar-rimedju kontra diretturi jew stralċjarji delinkwenti fl-Artikolu 312 hija disponibbli biss għal dawk il-kategoriji ta' persuni msemmija fl-ewwel paragrafu tal-artikolu 315 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 312 rispettivament. Fiċ-ċirkostanzi, Samchrome ma tikkwalifika bħala l-ebda waħda mill-persuni msemmija f'dawk l-artikoli, u għaldaqstant anke minn dan l-aspett, it-talbiet ta' Samchrome ma jistgħux għajr li jiġu miċħuda;

27. It-tielet aggravju tal-appell ewlieni qiegħed għalhekk jiġi **miċħud**;

28. Samchrome tagħlaq l-appell ewlieni tagħha billi **fir-raba' aggravju** tilmenta dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha x'taqsam mal-kap tal-ispejjeż. Peress li dan l-aggravju huwa msejjes fuq il-premessa li

t-talbiet tagħha huma mistħoqqa, u din il-Qorti għadha kif issib li t-talbiet ta' Samchrome ma jistgħux jintlaqgħu, mela allura anke dan l-aggravju ma jistax jirnexxi u b'hekk qed jiġi **<u>miċħud</u>**;

29. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali ta' KDK li bħalma nghad qabel, huwa magħmul minn tliet aggravji;

30. Fl-**<u>ewwel aggravju tal-appell inċidentali</u>**, il-konvenuti qegħdin iressqu żewġ ilmenti mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha x'taqsam mal-ħames eċċezzjoni preliminari. L-ewwel ilment huwa fis-sens li, l-Ewwel Qorti żbaljat meta fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata ċaħdet għal kollox il-ħames eċċezzjoni preliminari tagħha, u dan meta fil-konsiderazzjonijiet ta' dik is-sentenza, dik il-Qorti għamlitha ċara li kienet "*sejra tiddisponi mill-eċċezzjoni billi tirrespingi l-eċċezzjoni fejn tirrigwarda l-azzjoni skont l-Art 315 tal-Kap 386 però qegħda tilqa' l-eċċezzjoni safejn l-azzjoni kienet istitwita abbażi tal-Art 316 tal-Kap 386".*[20] It-tieni lment huwa mbagħad dwar dawk il-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata li fihom l-Ewwel Qorti qieset li l-ħames eċċezzjoni preliminari ma kinitx mistħoqqa u dan sa fejn l-azzjoni ta' Samchrome ġiet imsejsa fuq kummerċ bi frodi, u sewwasew fuq l-Artikolu 315 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, tfisser li l-ħames eċċezzjoni ngħatat f'kuntest li fil-mument tal-preżentata ta' din il-kawża, Samchrome ma

[20] Estratt meħud minn paġna 46 tas-sentenza appellata.

kinitx meqjusa bħala 'kreditriċi' ta' KDK, u kulma kien hemm kienet biss 'pretensjoni' min-naħa ta' Samchrome li tifforma l-mertu tal-kawża bin-numru 55/2014JZM. Tgħid li fit-tali ċirkostanzi, Samchrome ma kinitx tikkwalifika bħala 'kreditur', u b'hekk din l-azzjoni saret qabel waqtha;

31. Nibdew bl-ewwel parti tal-ewwel aggravju, li fih il-konvenuti qed jgħidu li hemm kunflitt bejn il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata u l-konsiderazzjonijiet li tniżżlu fl-istess sentenza taħt ir-ras bl-isem *"VIII. Il-ħames (5) eċċezzjoni preliminari".*[21] Fil-fehma tal-Qorti, dan l-ilment huwa siewi, u dan għaliex fil-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti tassew għamlitha ċara li kienet ser tkun qed tilqa' dik l-eċċezzjoni sa fejn Samchrome sejset l-azzjoni tagħha fuq l-Artikolu 316 tal-Kap. 386.[22] Xhieda ta' kemm l-Ewwel Qorti kienet ċara dwar dan huwa wkoll il-fatt li fit-tieni aggravju tal-appell ewlieni, Samchrome iddedikat aggravju sħiħ dwar dik il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li fiha ngħad li hija ma setgħetx tressaq azzjoni fuq ix-xilja ta' kummerċ ħażin. Ġaladarba li din il-Qorti ċaħdet it-tieni aggravju tal-appell ewlieni, dak li qalet l-Ewwel Qorti sa fejn għandu x'jaqsam mal-Artikolu 316 tal-Kap. 386 għadu jgħodd, u peress li l-parti dispożittiva ta' sentenza għandha tiġi msejsa u mfissra fuq il-konsiderazzjonijiet li jingħataw, (ara ***'Is-soċjetà Tomlin Company Limited v. Is-soċjetà Jon David Limited',*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-20 ta' Ottubru, 2003), din il-Qorti ser tkun qiegħda

---

[21] Din il-parti tirreferi għall-paġni 44 sa 46 tas-sentenza appellata, f'paġni 779 sa 781 tal-proċess.
[22] Ara paġna 46 tas-sentenza appellata, f'paġna 781 tal-proċess.

tirriforma l-parti dispożittiva tas-sentenza appellata sabiex tirrifletti dak li ntqal mill-ewwel Qorti u dan meta qieset li l-ħames eċċezzjoni hija mistħoqqa minn tal-inqas sa fejn għandu x'jaqsam l-Artikolu 316 tal-Kap. 386. L-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appell inċidentali qiegħed għalhekk jiġi **milqugħ**;

32. Mhux l-istess jista' jingħad għat-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-appell inċidentali. Il-pożizzjoni meħuda mill-Ewwel Qorti dwar l-interpretazzjoni wiesa' tal-kelma "*kreditur*", tirrifletti dak li ġie diġà deċiż f'sentenzi oħrajn li għaddew f'ġudikat bħal pereżempju dawk fil-kawżi fl-ismijiet ta' '***Galleria Management Limited v. Angele Calleja et.'*** u '***Dr. Kenneth Grima noe v. Dr. Renald Micallef pro et. noe.'*** mogħtija mill-istess Qorti fil-31 ta' Ottubru, 2017 u fil-31 ta' Mejju, 2018, rispettivament, u li fihom ġie mfisser kif il-kelma *"kreditur"* tinkludi wkoll *"kreditur potenzjali".* Ma jistax ukoll ma jiġix osservat li l-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-kelma *"kreditur"* hija wkoll konformi mal-pożizzjoni li ħadu l-Qrati Ingliżi fi kwistjonijiet simili,[23] li kif imfisser minn din il-Qorti fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Dr. Andrew Borg Cardona pro. et. noe. v. Victor Zammit et,*** deċiża fil-14 ta' Mejju, 2010, *"huma għajn importanti ta' interpretazzjoni"* kemm tal-Artikolu 315, kif ukoll tal-Artikolu 316 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Sakemm il-kawża bin-numru 55/2014JZM

[23] Ara b'eżempju ***Re Sellion*** [1982] Crim.L.R. 676, u Prof. Andrew Muscat, *'Principles of Maltese Company Law',* Malta University Press, (2019), f'paġni 359 u 360 tal-ewwel volum.

kienet għadha ma nqatgħetx, Samchrome kienet tikkwalifika bħala kreditur potenzjali ta' KDK, u l-fatt waħdu li llum il-ġurnata Samchrome m'għadhiex tista' tqis lilha nfisha bħala tali, ma jagħmilx il-ħames eċċezzjoni ta' Bondin u Koncar bħala mistħoqqa. It-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-appell inċidentali qiegħda għalhekk tiġi **miċħuda**;

33. It-**tieni aggravju tal-appell inċidentali**, huwa mbagħad dwar il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata li għandha x'taqsam mas-sitt eċċezzjoni preliminari. F'dan l-aggravju, il-konvenuti qegħdin għal darb'oħra jilmentaw li l-parti dispożittiva tas-sentenza appellata ma tirriflettix sewwa dak li ġie diskuss fil-kunsiderazzjonijiet tal-istess sentenza. Ifissru li fil-kunsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti osservat li *"l-azzjoni skont l-Art. 315 ma tistax tiġi eżerċitata kontra Dr. Renald Micallef għan-nom ta' KDK Limited"* u li l-pretensjonijiet taħt l-Artikolu 316 setgħu jitressqu biss *"kontra Koncar u mhux ukoll kontra l-konvenuti kollha".* Tilmenta li ċ-ċaħda għal kollox tas-sitt eċċezzjoni preliminari fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata m'hijiex konsistenti mal-motivazzjonijiet mogħtija minn dik il-Qorti, u tisħaq li s-sitt eċċezzjoni kellha almenu tintlaqa' parzjalment, u dan fis-sens li: KDK kellha tiġi meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju, filwaqt li Bondin u Dr. Micallef kellhom jiġu wkoll meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju u dan limitament sa fejn l-azzjoni ta' Samchrome saret taħt l-Artikolu 316 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

34. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa mistħoqq biss sa fejn għandu x'jaqsam mal-kumpanija KDK. Ġaladarba li fil-konsiderazzjonijiet li ġew imniżżla taħt ir-ras *"[i]s-sitt (6) eċċezzjoni preliminari",*[24] l-Ewwel Qorti sabet li l-azzjoni ta' Samchrome ma setgħetx titressaq kontra KDK, u dan taħt il-forom kollha tagħha,[25] l-Ewwel Qorti kellha tassew tilqa' s-sitt eċċezzjoni sa fejn kellha x'taqsam KDK u b'hekk din tal-aħħar kellha tiġi meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju;

35. Min-naħa l-oħra, la l-Ewwel Qorti sabet li ma kien hemm xejn xi jżomm lil Samchrome milli tniedi azzjoni kontra l-istralċjarji b'riħet l-Artikolu 315 tal-Kap. 386, kemm Donatella Bondin kif ukoll Dr. Renald Micallef ma setgħux jargumentaw *"li ma jistgħu qatt ikunu l-leġittimi kontraditturi tat-talbiet kif dedotti".*[26] Il-kawża hija waħda u l-ġudizzju huwa wieħed, u għalhekk la Bondin u Micallef kienu tabilħaqq igawdu mil-leġittimità passiva sabiex iwieġbu għax-xiljiet taħt l-Artikolu 315 tal-Kap 386, kif ukoll għal nuqqasijiet oħra li ġew mixlija bihom, mela allura dawn ma setgħux jiġu meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju. Jiġi b'hekk li s-sitt eċċezzjoni ma kinitx siewja safejn kellhom x'jaqsmu dawn iż-żewġ

---

[24] Ara paġni 39 sa 44 tas-sentenza appellata, f'paġni 774 sa 779 tal-proċess.
[25] Fl-ewwel paragrafu f'paġna 44 tas-sentenza appellata, (f'paġna 779 tal-proċess) l-Ewwel Qorti osservat li l-azzjoni taħt l-Artikolu 316 tal-kap. 386 setgħet tiġi mressqa biss kontra Koncar bħala direttur, filwaqt li fl-aħħar paragrafu ta' paġna 43 tas-sentenza appellata, (f'paġna 778 tal-proċess) l-Ewwel Qorti qieset li *"l-azzjoni skont l-Art 315 ma tistax tiġi eżerċitata kontra Dr Renald Micallef <u>għan-nom ta' KDK Limited</u>".*
[26] Estratt meħud mis-sitt eċċezzjoni f'paġna 106 tal-proċess.

imħarrkin, u għaldaqstant it-tieni aggravju tal-appell inċidentali qiegħed jintlaqa' b'mod limitat u dan sa fejn għandha x'taqsam biss KDK;

36. Jifdal biss **it-tielet aggravju tal-appell inċidentali** li fih il-konvenuti qegħdin jilmentaw mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tordna lil kull parti sabiex tbati l-ispejjeż tagħha u dan bi tħaddim tal-Artikolu 223(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, il-konvenuti qegħdin jargumentaw li ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti kellha tikkundannahom biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tagħhom, u f'dan ir-rigward ifakkru li dik il-Qorti mhux biss laqgħet waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom, iżda saħansitra laqgħet ukoll l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom fil-mertu;

37. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa mistħoqq biss sa fejn għandha x'taqsam l-imħarrka KDK. Ġaladarba li din il-Qorti għadha kif issib li fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti kellha teħles lil KDK mill-ħarsien tal-ġudizzju, jixraq illi l-ispejjeż kollha ta' KDK għandha tagħmel tajjeb għalihom Samchrome;

38. Min-naħa l-oħra, u sa fejn għandhom x'jaqsmu l-bqija tal-konvenuti, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li diġà qalet fil-kawża bin-numru 55/2014JZM, fis-sens li ġaladarba l-maġġoranza assoluta tal-eċċezzjonijiet preliminari ġew miċħuda, din il-Qorti ma tarax li hemm xi

lok għalfejn għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti u dan sa fejn għandhom x'jaqsmu Danko Koncar, Donatella Bondin u Dr. Renald Micallef. Dwar dan tal-aħħar, għandu jingħad li għalkemm li baqa' kontumaċi u b'hekk teknikament ma ressaq l-ebda eċċezzjoni, madanakollu Dr. Micallef ħa sehem attiv fil-kawża flimkien mal-bqija tal-imħarrkin kif ukoll rikeb fuq l-istess karru ta' Koncar u Bondin billi flimkien magħhom ressaq għadd ta' sottomissjonijiet sabiex ifisser għalfejn l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari.[27] Fil-fehma tal-Qorti dan wassal biex Dr. Micallef seta' wkoll jitqies bħala tellief f'parti tal-kawża, u b'hekk l-Ewwel Qorti kellha kull setgħa u raġun li tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 223(3) tal-Kap. 12, anke fil-konfront ta' Dr. Micallef;

39. Marbut sfiq ma' dak li għadu kif qed jintqal, il-Qorti tosserva wkoll li ma tressaq l-ebda aggravju minn dik il-parti tas-sentenza li fiha Dr. Micallef ġie kkundannat sabiex iħallas l-ispejjeż tad-deċiżjoni tat-30 ta' April 2015, dwar iċ-ċaħda tat-talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tiegħu, u b'hekk dik il-parti tas-sentenza għaddiet f'ġudikat, u l-ispejjeż kollha marbuta ma' dik id-deċiżjoni għandhom jitħallsu kollha minn Dr. Micallef;

[27] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet li tressqet f'isem *"Il-konvenuti kollha",* f'paġni 700 sa 731 tal-proċess.

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** l-appell ewlieni ta' Samchrome FZE, filwaqt li **tilqa' parzjalment** l-appell inċidentali tal-konvenuti, u b'hekk qed **tirriforma** s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan billi:

(i) tħassar dik il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata li fiha ġiet miċħuda l-ħames eċċezzjoni, u minflok tiddeċiedi li tilqa' limitament dik l-eċċezzjoni u dan sa fejn il-pretensjonijiet ta' Samchrome ġew imsejsa fuq l-Artikolu 316 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) tħassar dik il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata li fiha ġiet miċħuda s-sitt eċċezzjoni, u minflok tiddeċiedi li tilqa' limitament dik l-eċċezzjoni, sa fejn Dr. Renald Micallef ġie mħarrek f'isem KDK Limited, u minħabba f'hekk teħles lil Dr. Renald Micallef f'isem KDK Limited mill-ħarsien tal-ġudizzju;

(iii) tħassar dik il-parti tal-kap tal-ispejjeż li fiha l-Ewwel Qorti ordnat li kull parti għandha tbati l-bqija tal-ispejjeż skont l-Artikolu 223(3) tal-Kap. 12, u minflok tordna li għajr għall-ispejjeż tad-deċiżjoni tat-30 ta' April 2015 li għandhom

jitħallsu kollha mill-konvenut Dr. Renald Micallef, kif ukoll bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż kollha ta' Dr. Renald Micallef f'isem KDK Limited li għandhom jitħallsu mill-attriċi Samchrome FZE, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, u dan bi tħaddim tal-Artikolu 223(3) tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Mill-bqija tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza. L-ispejjeż marbuta mal-appell ewlieni għandhom jitħallsu kollha minn Samchrome FZE, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu nofshom minn Samchrome FZE filwaqt li n-nofs l-ieħor mill-konvenuti, solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr